TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 162/12 (JE).

Alexander Muscat

vs

Colin Sant.

Illum, 16 ta' Diċembru 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Alexander Muscat tat-3 ta' Diċembru 2013 fejn ippremetta illi kien xtara fwieħa tal-karozza li bdiet tqattar fuq id-dashboard u fuq il-bieba ta' taħt ir-radju. Fejn waqa' l-qtar, tqaxxar.

Ra illi l-konvenut, debitament notifikat, naqas li jdaħħal risposta.

Ra ix-xhieda tal-attur.

Ikkunsidra.

L-attur ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-ilment tiegħu u stqarr illi sabiex tiġi rranġata l-ħsara illi twettqietlu mill-fwieħa in kwistjoni, għandu stima f'idejh ta' € 156.55.

Barra mill-fatt illi l-konvenut ma ppreżenta l-ebda xhieda, it-Tribunal ma jara l-ebda raġuni għala m'għandhux jemmen lill-attur.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut iħallsu l-ammont ta' € 156.55 bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070